# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 13/97G

Angelo Mizzi

vs

Registratur tal-Qrati ta' Malta u ghal kwalunkwe interess li jista' jkollhom il-Prim Ministru [li gie mnehhi mir-rikors b' digriet tad-9 ta' Gunju 2000] u l-Ministru responsabbli mill-Gustizzja u l-Kunsilli Lokali u d-Direttur tax-Xoghol li gie kjamat fir-rikors b' digriet tad-29 ta' Dicembru 1998

Illum 19 ta' Gunju, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod iktar preciz fis-7 ta' Novembru 1987 huwa sofra ngustizzja lampanti billi kellu l-kuntratt tal-vettura tieghu li kienet impressed mal-Qorti ta' Ghawdex li ma giex imgedded fit-8 ta' Novembru 1987 minghajr gustifikazzjoni;

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan ir-rikors kienu s-segwenti:-

i) Illi l-vettura tieghu giet ingaggjata bhala impressed b'kuntratt mill-Qorti fis-7 ta' April 1987,

ii) Illi l-vettura damet hekk ikkuntrattjata sa meta l-kuntratt ma giex imgedded fit-8 ta' Novembru 1987,

iii) Illi fil-fatt ir-rikorrenti issottometta li l-kuntratt tieghu kien gie imgedded ininterrottament ghal perjodu ta' seba' xhur u dan kif jidher mill-Engagement History tieghu mehmuza mill-ETC fit-23 ta' Lulju 1997 - Dok A;

iv) Illi l-kuntratt tal-vettura tieghu impressed mal-Qorti ma regax gie mgedded lilu mhux ghax ma kienx hemm bzonn l-istess vettura mal-Qorti, imma bl-iskop specifiku li titnehha tieghu.

v) Illi l-ghajxien tieghu kien jiddependi min hemm u sofra financial hardship kbir.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent fil-waqt li rrisserva li jgib il-provi kollha ammissibbli skond il-ligi fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors,

talab lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment tieghu skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi jilqa' t-talba tieghu u konsegwentament jinghata rimedju skond il-ligi, kif l-istess Tribunal jidhirlu opportun, xieraq u gust, u ghal dan l-iskop ir-rikorrenti jitlob li jitpogga fl-istess pozizzjoni li kien fis-7 ta' Novembru 1987 qabel ma l-vettura tieghu giet imnehhija minn impressed, jew alternattivament jekk l-istess rimedju mhuwiex aktar possibli billi jigi ordnat jew li jinghata impjieg ma l-istess Qorti u/jew li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal u dana taht dawk il-provvedimenti u mizuri li joghgbu l-istess Tribunal jipprefiggi. Bl-ispejjez kontra l-intimati nomine.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentata mir-rikorrent.

Ra r-risposta tar-Registratur tal-Qrati u tal-Onorevoli Prim Ministru li eccipew:

Illi ma saret l-ebda ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent stante li dak li gara fil-kaz tieghu kien li huwa gie ngaggat ghal perjodu qasir ta' zmien sabiex jaqdi funzjoni specifika u limitata u li s-servizz tieghu ma kienx ghad hemm aktar il-bzonn tieghu. B'hekk ma kienx hemm bzonn aktar li l-ingagg tieghu jigi mgedded ghax id-Dipartiment ma kellux aktar xoghol x'jaghti lill-istess rikorrent. Huwa kien gie ngaggat ghal perjodu qasir u limitat u meta l-kuntratt tieghu gie terminat ma gie ngaggat hadd

iehor minfloku, ghax appuntu ma kienx hemm xoghol x’jigi assenjat lilu.

Illi r-rikorrent ma ppruvax l-ingustizzja li huwa qed jallega li sofra skond il-ligi.

Ghaldaqstant l-intimati talbu li t-talba tar-rikorrent tigi michuda.

Ra r-risposta tad-Direttur tax-Xoghol li eccepixxa:

Illi ir-rikorrent gie kjamat in kawza minn dan l-Onorabbli Tribunal permezz tad-digriet datat 29 ta’ Dicembru 1998.

Illi ir-rikorrent gie kjamat inutilment fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi stante illi huwa ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mad-Direttur tax-Xoghol peress illi kuntratti ta’ **impressed drivers** u t-tigdid taghhom ma jaqghux taht il-mansjoni tad-Direttur tax-Xoghol.

Illi l-unika responsabbilita’ tad-Direttur huwa illi jforni l-vettura u s-sewwieq lid-Dipartiment li jaghmel rikjesta ghal **impressed driver** u ir-rikorrent bl-ebda mod ma jiddeciedi t-terminazzjoni tal-ingagg tal-**impressed driver** koncernat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant il-kjamat in kawza talab li dan t-Tribunal joghgbu jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa mhux il-legittimu kontradittur ghal-lanjanzi tar-rikorrent.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi fuq talba tar-rikorrent b’digriet tad-9 ta’ Gunju, 2000 il-Prim Ministru gie imnehhi mill-kawza.

Illi xehed ir-rikorrent u ikkonferma l-kontenut tar-rikors. Sar jaf li se jispicca meta mar fuq ix-xoghol u certu Pawlu Zammit qallu li dakinhar tal-ahhar minghajr ma taghah raguni. Hu laburist u jahseb li l-kulur politiku tieghu huwa maghruf.

Jane Refalo Assistent-Registratur fil-Qorti ta’ Ghawdex xehdet li jirrizulta li r-rikorrent beda jahdem bhala impressed driver bil-karozza numru HA093 fil-Qorti ta’ Ghawdex fis-7 ta’ April 1987. L-ingagg tal-karozza kien jiggedded kull tlett xhur. L-ahhar darba li l-ingagga tal-karozza iggedded kien fis-6 ta’ Ottubru 1987. Fuq il-cover tal-file kien hemm nota li tghid “Stopped work on orders of Mr Edgar Galea on Saturday 7th

November 1987. Mill-file ma jirrizultax x'kienet ir-raguni ghaliex twaqqaf mix-xoghol.

Pawlu Zammit xehed li meta r-rikorrent gie mkecci hu kien kien inkarigat mill-Qorti ta' Ghawdex. Ir-rikorrent kien ilu jahdem mis-6 ta' April 1987. Kien ircieva ordni minghand is-Sur Edgar Galea li kien officer in charge(Accounts) fil-Qorti ta' Malta u dan kien taghah peremptory order biex lir-rikorrent jghidlu halli ma jirraportax iktar ghax-xoghol il-kuntratt ma kienx se jiggeddidlu. Kien qallu li l-Prim Ministru ta' dak iz-zmien kien wieghed lill-persuni li kienu impressed li kellhom jibqu, ghalkemm kien hemm bidla fl-Amministrazzjoni izda hu kien qallu li dik kienet l-ordni. Kien informa lir-rikorrent b'din l-ordni. Ir-rikorrent xogholu kien jaghmlu sew, u hu kellu vettura gdida. Ix-xufier l-iehor Carmel Cardona ma kellux karozza decenti.

Anton Hili li kien inkarigat mill-Labour Office gewwa Ghawdex xehed li dwar l-impressment ta' vetturi l-involviment tad-Dipartiment tax-Xoghol huwa li jircievi talba mid-dipartiment jew ministeru jew korp parastatali li jkollu bzonn vettura u d-Dipartiment tax-Xoghol jissottometti vettura u mbaghad d-dipartiment jew ministeru jew korp koncernat li jkun ghamel it-talba, jiddecidi hu jekk jaccettax dik il-vettura jew le.

L-istess ghal dik li hi terminazzjoni tal-kuntratt, huwa d-dipartiment jew korp koncernat li jiddeciedi meta jittermina l-kuntratt u mhix kwistjoni li jidhol fiha d-Dipartiment tax-

Xoghol, li ma jgeddidx wara tlett xhur ghaliex il-kuntratt ta' impressment ikun ghal tlett xhur u jista' jiggedded ghal tlett xhur ohra.

Mario Caruana principal officer fid-Dipartiment tax-Xoghol ipprezenta lista ta' l-impressed drivers gewwa Ghawdex sa mid-9 ta' Mejju 1987.

Dr. Kevin Aquilina ex-Asst. Registratur tal-Qrati ikkonferma bil-gurament ir-risposta tar-Registratur tal-Qrati. Mir-records tal-Qorti t'Ghawdex, r-rikorrent fil-fatt kien dam jahdem ghal madwar seba' xhur u nofs. L-ingagg kien isir mill-Asst. Registratur tal-Qorti t'Ghawdex li dak iz-zmien kien Mario Zammit. Ir-rikorrent ma kienx public officer, u li ma kinetx tidhol fiha il-PSC, ghax huwa kien kuntratt u allura ma kienx meqjus bhala public officer peress li lanqas kien gie appointment fuq parir ta' xi ministru jew fuq parir tal-PSC. Fil-fatt ir-rikorrent kien ingaggat fuq kuntratt definit. Ma kienx jidher fl-istaff list ghaliex propja ghax ma kienx impjegat tal-Gvern.

Edgar Galea kien administrative officer fl-accounts section, il-Qorti Malta. Hu kellu gurisdizzjoni fuq il-Qorti t'Ghawdex dak iz-zmien. Qal li minn informazzjoni li nghata li x-xoghol tar-rikorrent kien gie mitmum.

Ikkunsidra

Illi d-Direttur tax-Xoghol eccepixxa li gie kjamat inutilment fil-kawza stante illi huwa ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent peress illi kuntratti ta' impressed drivers u t-tigdid taghhom ma jaqghux taht il-mansjoni tad-Direttur tax-Xoghol. Ma saret ebda prova kuntrarja, anzi Anton Hili, u Caruana ikkonfermaw dan. Jidher li l-unika responsabbilita' tad-Direttur tax-Xoghol kien li jforni l-vettura u s-sewwieq lid-Dipartiment li jaghmel rikjesta ghal impressed driver u d-Direttur tax-Xoghol bl-ebda mod ma iddecieda t-terminazzjoni tal-ingagg tal-**impressed driver** koncernat. Illi ghalhekk hu ovvju li l-kjamat in kawza ma kellu ebda responsabbilta'. Jilqa' l-eccezzjoni tieghu.

Dwar l-intimat Registratur tal-Qorti fit-trattazzjoni dan issottometta li terminazzjoni tesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal. Fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Barbara vs Med Serv Limited et" deciza fl-10 ta' Mejju, 1999, it-Tribunal qal:

"F'dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun

saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatti l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux

applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

Bazikament l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq terminazzjoni ta' impieg. Issa terminazzjoni ta' impieg ma tissemma f'ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (d). "Ubi lex voluit dixit". Il-ligi ma tuzax kliem fis-sens li l-ilmenti indikati huma ezempji ta' ilmenti, izda huma ezattament l-ilmenti li fir-rigward taghhom dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.

Ta' min izid li l-artikolu 28 tal-Kap 266 l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali jghid:

"Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva li jikkunsidra u jiddecidi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi , u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci ghall-ksur tad-drittijiet tieghu li ma jitkecciex b'mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra:"

Il-lokuzzjoni wzata hija cara li t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta. Hemm kazijiet li jaqghu taht l-Qorti Civili [skond in-natura tal-kuntratt] u anke quddiem il-Kummissjoni ta' l-

Impiegi taht il-Kostituzzjoni jekk ikun jahdem f'azienda Governattiva jew kwazi-governattiva…"

Issa l-ilment tar-rikorrent hu propju li l-impieg tieghu gie terminat u ghalhekk hu manifest li jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat Registratur tal-Qorti.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.